

Brussell, 14 ta' Ġunju 2022  
(OR. fr)

10224/22

SOC 383  
EMPL 260

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Suġġett:	Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol Ħatra tas-Sa Marion PAJUMETS, membru supplenti għall-Estonja, minflok is-Sa Ester RÜNKLA, li rriżenjat

---

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ġie infurmat bir-riżenja tas-Sa Ester RÜNKLA, membru supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni msemmija hawn fuq fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvern (għall-Estonja).
2. Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/127 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol (Eurofound), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75, il-membri tal-Bord tat-Tmexxija jinħatru mill-Kunsill.

3. F'konformità mal-proċedura tas-soltu, il-gvern tal-Estonja nnomina lill-kandidat li ġej għal dan is-siġġu għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-31 ta' Marzu 2023:

Is-Sa Marion PAJUMETS  
Research Adviser  
Analysis and Statistics Department  
Ministry of Social Affairs of Estonia  
Indirizz: Suur-Ameerika 1, 10122 Tallinn, Estonia  
Tel: +372 626 9164  
Indirizz elettroniku: marion.pajumets@sm.ee

4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill:

- a) jadotta, bħala punt "A" fuq l-aġenda tiegħu, id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tidher fl-Anness li tissostitwixxi membru supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol, u
- b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta'

li tissostitwixxi membru supplenti

tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 2019/127 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 li jstabbilixxi l-Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol (Eurofound)<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) Fid-Deċizzjonijiet tiegħu tad-9 ta' April 2019<sup>2</sup>, il-25 ta' Ġunju 2019<sup>3</sup>, it-8 ta' Lulju 2019<sup>4</sup>, is-16 ta' Settembru 2019<sup>5</sup> u l-14 ta' Ġunju 2021<sup>6</sup>, il-Kunsill ħatar lill-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol għall-perjodu mill-1 ta' April 2019 sal-31 ta' Marzu 2023.
- (2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sa Ester RÜNKLA, sar vakanti siġġu ta' membru supplenti fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvern.
- (3) Il-gvern tal-Estonja nnomina kandidat għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>1</sup> ĠU L 30, 31.1.2019, p. 74.  
<sup>2</sup> ĠU C 135, 11.4.2019, p. 1.  
<sup>3</sup> ĠU C 216, 27.6.2019, p. 1.  
<sup>4</sup> ĠU C 232, 10.7.2019, p. 3.  
<sup>5</sup> ĠU C 314, 18.9.2019, p. 2.  
<sup>6</sup> ĠU C 234 I, 17.6.2021, p. 1.

## Artikolu 1

Is-Sa Marion PAJUMETS hija b'dan maħtura membru supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol minflok is-Sa Ester RÜNKLA, għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-31 ta' Marzu 2023.

## Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., fi ...

Għall-Kunsill  
Il-President